# FIL-QORTI CIVILI
# PRIM’AWLA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Erbgha**
**tnejn (3) ta’ Lulju 2019**

**Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1476/18/1 FDP**

Fl-ismijiet

**Terracore Limited (C-32227)**
**Vs**
**Gasapoli Limited (C-31870)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 19 ta’ Settembru 2018, li permezz tieghu s-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti izzomm lis-socjeta intimata:

   *“Milli tbiegh, tittrasferixxi u/jew tiddisponi bi kwalunkwe mod, sia in toto kif ukoll in parte mill-propjeta’ ossija il-porzjoni diviza ta’ art li tinsab l-Imriehel, gieli mal-limiti ta’ Birkirkara u gieli mal-limiti ta’ Hal-Qormi, accessibbli minn triq bla isem li tizbokka ghal fuq Mriehel By-Pass, liema art hija tal-kejl ta’ erba’ mitt metru kwdru (400mk) bil-faccata ta’ massimu ta’ hmistax-il metru u hamsa u tmenin centimetru (15.85m), meritu tal-konvenju datat it-13 ta’ Lulju 2015, u kif ahjar deskritta fl-istess konvenju, sia b’titolu oneruz jew gratuwitu lill-terzi, u/jew milli tihloq xi piz jew dritt/ijiet reali u/jew personali fuq l-istess propjeta’, u dan in kawtela tad-drittijiet tas-socjeta’ rikorrenti kif emannenti mill-imsemmi konvenju.”*

2. Rat illi fid-19 ta’ Settembru 2018, il-Qorti laqghet provvizzorjament ir-rikors u, filwaqt li ordnat in-notifika ta’ l-istess, appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal-25 ta’ Settembru 2018.

3. Rat illi fit 2 ta' Lulju 2019, is-socjeta' intimata, ghalkemm ma jirrizultax in atti illi giet notifikata, ippresentat risposta fejn qalet is-segwenti:

   *" Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijet minnha mressqa fil-kawza relattiva (rikors guramentat nru 898/18 TA fl-ismijiet premessi,) u ghall-kap tal-ispejjez ta' dawn li-proceduri, l-esponenti tiddikjara illi m'hijiex qed topponi ghall-hurg tal-Mandat ta' Inibizzjoni relattiv, stante li almenu prima facie u bla preudizzju ghal kull dritt spettanti lill-esponenti, jidher illi l-mandat odjern huwa intiz sabiex jinzamm l-istatus quo relattiv, pendenti l-ezitu ahhari tal-kawza pre-citata dwar il-mertu."*

4. Rat illi fis-seduta ta' llum dehru l-partijiet u gharrfu lil dina l-Qorti, in vista tar-risposta tas-socjeta' intimata setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

**Il-Qorti**

Wara illi rat l-atti tal-kaz u rat ir-risposta tas-socjeta' Gasapoli Limited, u wara illi rat il-verbal ta' llum,

**Tilqa'** t-talba kif kontenuta fil-Mandat ta' Inibizzjoni odjern, u ghalhekk

**Tinibixxi** lis-socjeta' Gasapoli Limited milli tbiegh, tittrasferixxi u/jew tiddisponi bi kwalunkwe mod, sia in toto kif ukoll in parte mill-propjeta' ossija il-porzjoni diviza ta' art li tinsab l-Imriehel, gieli mal-limiti ta' Birkirkara u gieli mal-limiti ta' Hal-Qormi, accessibbli minn triq bla isem li tizbokka ghal fuq Mriehel By-Pass, liema art hija tal-kejl ta' erba' mitt metru kwdru (400mk) bil-faccata ta' massimu ta' hmistax-il metru u hamsa u tmenin centimetru (15.85m), mertu tal-konvenju datat it-13 ta' Lulju 2015, u kif ahjar deskritta fl-istess konvenju, sia b'titolu oneruz jew gratuwit u lill-terzi, u/jew milli tohloq xi piz jew dritt/ijiet reali u/jew personali fuq l-istess propjeta', u dan in kawtela tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti kif emanenti mill-imsemmi konvenju u li huma l-mertu tal-kawza 898/2018 pendenti quddiem dina l-Qorti, diversament ppresjeduta.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' dina s-sentenza skond il-Ligi

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imhallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**